Minuti tal-Laqgħa Nru7 (sebgħa) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Erbgħa 25 ta' Settembru, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**7.1. Item Nru 7.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

7.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.44pm u kulħadd kien preżenti

**7.2. Item Nru. 7.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

7.2.1. Minuti ttieħdu bħala moqrija.

Korrezzjonijiet:
Minuti 6.3.4 – tinbidel il-kelma "l-Kunsill" u flokha ssir "is-Sindku"
Minuta 6.4.3 – Fl-aħħar tal-paragrafu tiżdied il-frażi "u tajjeb li titwaħħal tabella biex ma jintremiex ikel"

Wara li saru dawn il-korrezzjonijiet il-minuti ġew approvati unanimament.

**7.3 Item Nru. 7.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

7.3.1 CCTV cameras - Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem fuq il-cameras li twaħħlu fix-Xatt kif ukoll fejn il-Knisja. Hu qal li tax-xatt eżattament faċċata ta' Triq iċ-Ċern jidru

tajbin u issa imiss li inqabbduhom mal-wifi u jitwaħħlu tabelli. Kull irregolarita fuq skart ser tiġi rrapurtata lil Pulizija kif ukoll tiġi mxandra fuq il-paġna ta' facebook.

Dwar il-cameras li twaħħlu fejn il-Knisja jidher li s'issa mhux ta' kwalita kif mistennija u għalhekk għandhom jinbidlu għal cameras aktar ċari. Kif ikollna s-sistema aktar ċara li jintarfu l-uċuħ kif ukoll in-numri tal-vetturi dawn il-cameras jiġu approvati wkoll.

Is-Sur Attard kompla jgħid li wara li jiġu issetiljati dawn huwa qed jipproponi biex jiġu installati aktar cameras f' dawn il-postijiet:

1. Dawret ix-Xatt, in-naħa ta' Triq il-Grottli (solar)
2. Triq Fortizza tal-Grazzja li tgħati għal eastend court
3. Triq l-Ispnott li tgħati għal fejn kienu l-Bring in site
4. Dawret ix-Xatt in-naħa ta' Triq il-Knisja.

7.3.2 Bollards - Is-Sur Attard qal li bħalissa qed jitwaħħlu bollards għal sigurta tar-residenti kif ukoll ħabba parkegg illegali. Hu kompla jgħid li min għandu xi lmenti fejn hemm bżonn ta' aktar bollards jiġi bihom fil-laqgħa li jmiss.

7.3.3 Problema ta' ġrieden – Is-Sindku qal li minħabba li għandna ħafna lmenti fuq ġrieden ma' kullimkien hu ippropona li tinġieb stima ta' kaxxa tal-ġrieden sabiex inkunu nistgħu innaqqsu din il-problema. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

7.3.4 Tabelli gazebos – Is-Sindku qal li dwar it-tabelli ta' li ma jintramawx gazebos hemm liġi li tkopriha għalhekk tajjeb li għas-sajf tas-sena d-dieħla jitwaħħlu tabelli biex ħadd ma jokkupa spazji żejda b' gazebos kbar.

7.3.5 Clean up - Is-Sindku qal li l-clean up ta' nhar il-21 ta' Settembru kienet suċċess u inġabar ħafna skart. Din id-dara kienet iffukata fuq Dawret ix-Xatt u Fort Park. L-ispejjeż kienu biss ingwanti li inxtraw.

Is-Sindku ippropona li ssir Clean up oħra nhar it-23 ta' Novembru sabiex jiġu mnaddfa siti oħra. Is-Sur Attard kompla jgħid li nitolbu għal aktar għajnuna miż-żgħażagħ u għaqdiet lokali. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

7.3.6 Skart Organiku - Is-Sur Attard qal li minħabba li hemm domanda għal ġabra oħra ta' skart organiku nibgħatu l-wasteserv u naraw jekk tistax tiżdied ġabra oħra l-Ħadd.

7.3.7 ATM – Is-Sindku qal li tajjeb li nerġgħu nibgħatu lil Banek kummerċjali kollha bit-talba ta' ATM fil-qalba tax-Xgħajra. Kulħadd qabel.

IX-XGĦAJRA

7.3.8 Żbir ta' Siġar – Is-Sur Attard qal li s-siġra li hemm quddiem il-Knisja għanda bżonn tinżabar u għalhekk inqabbdu l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill sabiex jiżbruha għaliex ħarġet il-barra ħafna.

7.3.9 Responsabiltajiet tal-Kunsilliera – Is-Sur Attard qal li irċevejna mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li id-Dekasteru Proġetti huwa maqsum fuq iktar minn Kunsillier wieħed għalhekk ġie deċiż li dan ikun taħt ir-responsabilta tas-Sindku biss.

7.3.10 Laqgħa Plenarja – Is-Sindku qal li rċevejna stedina għal-laqgħa plenarja li ser issir is-Salini Hotel u għalhekk stieden lil Kunsilliera u Segretarju wkoll sabiex japplikaw.

7.3.11 Attivita tal-Milied – Is-Sur Attard qal li tajjeb li nibdew nippjanaw għall-attivitajiet tal-Milied u għalhekk il-Kunsill ser jiltaqa f'laqgħa mhux uffiċjali sabiex tiċi diskussa din it-tema.

7.3.12 Kuntratt tal-Knis – Il-Kunsill qabel li tinħareġ default notice lil Kuntrattur tal-knis u tindif minħabba li l-ħaxix tal-bankini mhux jinqata'.

**7.4 Item Nru 7.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

7.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet fuq il-Librerija meta ser tinfetaħ. Is-Segretarju qal li bħalissa hemm call miftuħa sabiex japplikaw dawk li huma interessati jkunu librara fix-Xgħajra. Din is-sejħa ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 11 t' Ottubru f' 12.00pm

7.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet dwar ir-road hump ta' Dawret ix-Xatt fuq meta ser jibdewha. Is-Segretarju qal li wara l-laqgħa li kellna ma' Andrew Haig u li kienu preżenti l-Kunsilliera kollha tlabnih jiċċekkja jekk ix-xogħol jistax isir mil-Kunsill imbgħad niġu rifonduti minn Infrastructure Malta. Pero s'issa għad m'għandnix konferma.

7.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet fuq jekk fejn Sqaq is-Sajjieda jistax issir barrier minħabba li hemm periklu meta l-karozzi jitilgħu bi speed eċċessiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif ikollna l-konferma minn TM din tista ssir.

7.4.4 Is-Sa Pulis staqsiet jekk il-cameras li twaħħlu humiex bi prova jew fissi. Is-Sindku qal li ta' Dawret ix-Xatt huma lesti kemm isiru it-tabelli imma ta' fejn il-Knisja għadhom bi prova u nistennew li jiġu upgraded. Is-Sindku żied jgħid li għandna bżonn nordnaw 6 tabelli tal-cameras.

7.4.5 Is-Sa. Pulis qalet li hemm bżonn induru l-bankini u il-lampi u naraw liema għandhom bżonn isiru mil-ġdid.

7.4.6 Is-Sa. Pulis staqsiet meta ser issir il-laqgħa mas- Sur Richard Bilocca tal-SSTP, Barkat, u nissuġġerixxu open day għar-residenti. Is-Segretarju qal li l-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 7 t' Ottubru.

7.4.7 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk nistgħu nibgħatu lil Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex isir aktar taħriġ għall-Kunsilliera u l-affarijiet jiġu spjegati f'termini aktar sempliċi.

7.4.8 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħu nagħmlu aktar siġar u ħaxix bl-istaġuni tagħhom li jattiraw aktar l-għajn. Is-Sindku qal li għadha kemm ġiet ippublikata t-tender tal-Urban Greening fejn b'permezz tiegħu ser inkunu qed inħawwlu ammont kbir ta' sigar u pjanti madwar ix-Xgħajra kollha.

7.4.9 Is-Sa. Borg staqsiet jekk tistax issir grada tal-injam mal-bieb tal-garage tal-Librerija minħabba li ser ikun hemm it-tfal kif ukoll li jinxtraw madwar 10 siġġijiet. Kulħadd qabel li ssir grada tal-injam mil-ħaddiema assenjati u li jinxtraw is-siġġijiet.

7.4.10 Is-Sa. Borg staqsiet fuq meta ser isir il-puġġaman ta' taħt Triq il-Knisja li jgħati għal fuq il-blat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien ilu jibgħat lil Public Works biex jagħmluh u allura pero ma kellnix risposta dwaru.

7.4.11 Is-Sa. Borg staqsiet fuq it-tabelli "Clean after your horse". Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġew ordnati 3 minnhom.

7.4.12 Is-Sa. Borg staqsiet fuq il-laqgħa mal-iskola u s-Sindku qal li ser jieħu ħsieb li jiffissa data huwa.

7.4.13 Is-Sa. Borg sta Raymond Camilleri staqsa jekk nistgħux nibgħatu lil tad-drenaġġ rapport li fi Triq Orlando Zabbar il-biċċa ta' fuq hemm tappiera li qed trejjaħ ħafna.

7.4.14 Is-Sur Raymond Camilleri qal li jidher li qed neħlu mal-Perit u hemm bżonn linaġġudikaw it-tender tal-Perit il-ġdid mil-aktar fis.

Is-Sur Camilleri kompla u qal li mal-Perit Buhagiar għandna bżonn laqgħa mil-aktar fis għaliex il-problema tal-ilma li qed jidħol trid tiġi solvuta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jerġa jibgħat reminder biex issir din il-laqgħa li ilna nitolbuha għal aktar minn xahrejn.

7.4.15 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħu nikru il-ground tal-football tax-Xgħajra Tornados għal ammont ta' siegħat fix-xahar. F'dawn is-siegħat allokati ikun jistgħu isiru attivitajiet mil-Kunsill kif ukoll minn għaqdiet oħra jew l-iskola. Il-Kunsill qabel ma'dan u ser jitkellem max-Xgħajra Tornados sabiex ikollna aktar dettalji.

**7.5 Item Nru. 7.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

7.5.1 Ma kienx hemm rapporti bil-miktub.

**7.6 Item Nru. 7.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

7.6.1 L-affarijiet meħtieġa ġew indirizzati fil-punti preċedenti.

**7.7 Item Nru. 7.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

7.7.1 Pagamenti b'numru 85 ġew approvati unanimament.

**7.8 Item Nru. 7.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

7.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**7.9 Item Nru. 7.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

7.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8.47pm

Aġġornament għal-nhar il-Ġimgħa 18 t' Ottubru, 2019 fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |